
MONS SION IN JERUSAL



-Hames Sena OTTUBRU - DIĊEMBRU, 1959 Ghadd 4

# LEHEN
# L-ART IMQADDSA

Mitbugħ fl-"Empire Press", 266, Triq San Pawl, Il-Belt.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA

Il-Ħames Sena | OTTUBRU - DIĊEMBRU, 1959 | Għadd 4


## X'FIH DAN IL-GĦADD


L-Erwieħ (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... ... ... ... 97

L-Ewwel Taqsima — DAWL

Il-Madalena (P. P. Saydon) ... ... ... ... ... ... ... ... 99
It-Triq ta' Damasku (P. Nikol Magro, O.F.M.) ... ... ... ... ... ... 100
Fuq it-Tabor (Elsie) ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 105
L-Isbaħ Priedka li qatt saret (Joħanan) ... ... ... ... ... ... ... 108
Diwi ta' Kliem il-Papa (Ignazio Mancini) ... ... ... ... ... ... ... 112

It-Tieni Taqsima — IMĦABBA

Bliet u Rħula tal-Mejtin (Ben Jeħuża) ... ... ... ... ... ... ... 114
It-Twelid ta' Ġesù Fl-Evanġelju tat-Tfulija (Ignazio Mancini) ... ... ... 117
Il-Qaddisin Trabi Martri (Ninu ta' Filomen) ... ... ... ... ... ... 120
Iż-Żeffien tal-Bambin (Patri Ubertinu Berti, O.F.M.) ... ... ... ... ... 122
Tifkiriet ta' San Pawl u San Barnaba f'Ċipru
(B. Bellarminu Bagatti, O.F.M.) ... ... ... ... ... ... ... ... 124
Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... ... ... 126
Requiescant In Pace ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 128


---


Direzzjoni: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
Amministrazzjoni: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu. Il-Belt.

# L-ERWIEĦ

*Wasal ix-xahar ta' Novembru, li bl-arja tiegħu diefja, donnu jistieden lil bniedem, imqajjem mill-ħedla tas-sajf, għal ħajja ġdida. Iqanqlu biex jarfa' ruħu 'l fuq, u jissieħeb ma' erwieħ oħra, li dari kienu miegħu, u issa għaddew għall-eternità. U jiftakar fil-Ġenna, għemara tal-qaddisin, li mal-Ħaruf bla tebgħa li hemm jgħammar, jitpaxxew bil-fwieħa, u jiddu bis-sebħ. U lil dawn il-bniedem jitlob għajnuna, u jagħti ġiħ u qima, għax jaf li għalkemm mifrud minnhom bil-ġisem, marbut magħhom b'Xirka qaddisa, ta' Emmna u ta' Grazzja, u mxierek magħhom fil-Ġid li ġej minn Kristu, Ras tal-Knisja, ta' dik li għadha tissielet mal-għedewwa fuq l-art, u ta' dik li tinsab rebbieħa fissema.*

*U traku, f'dan ix-xahar aktar milli f'xhur oħra, il-bniedem, mistieden ukoll mid-daqq kiebi tal-qniepen, jittajjar fuq ġwienaħ ħsebijietu u jitnikket f'ruħu għal dawk ħutu l-oħra li għadhom fil-Purgatorju jistennew il-faraġ. Il-ġrieħi li nġerħu fit-taqbida tal-ħajja, jeħtieġ jitfejqu, u d-dejn li għamlu jeħtieġ jitħallas lil ġustizzja tal-Mulej. Għal hekk Alla qiegħed iżomhom għal xi żmien imċaħħdin mid-dehra tiegħu u l-hena tal-ġenna, sa kemm bit-tbatijiet u ħruq qalb in-nirien, maħluqin għal daqs hekk mill-ħniena t'Alla, jitnaddfu u jinfdew u jingħaqdu f'sebħ il-Mulej mal-qaddisin ħuthom.*

*Dawn l-Erwieħ li qegħdin ibatu, flimkien maż-żewġ friegħi l-oħra, tal-art u tas-sema, jagħmlu knisja waħda: il-knisja tal-Mulej, li fiha jiġri d-demm ta' Kristu, li titfarrag bil-merti tiegħu u li tieħu l-ħajja bil-grazzja ta' Ruħ il-Qodos. Hija x-Xirka tal-Qaddisin, imferrxa fis-sema u fl-art u fil-Purgatorju, u li f'uliedha, marbutin kollha f'Ras waħda, jiġri demm wieħed, li jagħtihom il-ħajja. Li jxerikhom fil-ġid, fil-qawwa u fil-ferħ, u jroddu lil xulxin l-għajnuniet li jeħtieġuhom, sa kemm il-koll fl-aħħar jaslu fis-sebħ tal-Mulej, li hija t-temma ewlenija tal-knisja: il-ġiħ t'Alla u s-sebħ tal-erwieħ fis-sema.*

*Il-Kustodja tal-Art Imqaddsa, imqanqla u mħeġġa minn dawn il-ħsebijiet għolja, fil-waqt li tagħti ġiħ u qima lil Mulej, u trodd ħajr lil Kristu u lil Madonna u lil Qaddisin, fis-Santwari Mqaddsa tal-Palestina, ma tinsiex lil dawk ħutna tal-Purgatorju, u l-iżjed lil dawk miktubin fix-Xirka tal-Opra tal-Qabar ta' Kristu. Bit-talb bla hedu tal-Missjunarji, Rħieb u Sorijiet tagħha, bis-sawm u t-tgħakkis u egħmil tal-ħniena, titlob lil Mulej li jħenn għalihom u jqassrilhom il-jiem tal-hemm tagħhom, l-iżjed bit-30,000 quddiesa li jitqaddsu għalihom ma' tul is-sena. B'hekk tagħmel li ż-żmien tat-tbatija tagħhom jiqsar u jkunu fis imsejħin fil-ġenna. Fil-Quddiesa Huwa Kristu nnifsu li jindebaħ b'vittma u Hu n-nifsu li dak il-ħin jitlob lil Missieru biex iħenn għall-Erwieħ tal-Purgatorju, li għalihom issir il-quddiesa. U Kristu dejjem ikun mismuħħ minn Missieru.*

*Ningħaqdu aħna wkoll, mela, ningħaqdu u nissieħbu mal-Missjunarji tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, biex bit-talb għall-Erwieħ ta' ħutna li jinsabu fil-Purgatorju, fix-xahar ta' Novembru, inkunu għalihom ta' faraġ u ta' ħelsien u ta' fidwa. "Il-Mistrieħ ta' dejjem agħtihom, Mulej. U d-dawl ta' dejjem jiddi lilhom!"*

*ID-DIREZZJONI*